Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2021 [1]

**Kawża C-556/20**

**Schneider Electric SA,**
**Axa SA,**
**BNP Paribas,**
**Engie,**
**Orange SA,**
**L'Air liquide, société anonyme pour l'étude et l'exploitation des procédés Georges Claude**
**vs**
**Premier ministre,**
**Ministre de l'Economie, des Finances et de la Relance**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Rinviju għal domanda preliminari – Sistema magħmula minn ħlas bil-quddiem ta' taxxa u kreditu ta' taxxa fit-tqassim mill-ġdid ta' dividendi – Relazzjoni bejn id-Direttiva 90/435 u l-libertajiet fundamentali – Taxxa f'ras il-għajn – Tassazzjoni ta' ħlasijiet ta' dividendi lil kumpannija omm skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435 – Dispożizzjonijiet dwar il-ħlas ta' krediti tat-taxxa lill-benefiċjarju tad-dividendi (Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435)"

## I. Introduzzjoni

1. Fis-snin sal-2004, il-kumpanniji Franċiżi kellhom iħallsu ħlas bil-quddiem ta' taxxa ("précompte mobilier") meta jqassmu mill-ġdid dividendi lill-azzjonisti tagħhom jekk il-profitti tal-kumpannija li għandhom jitqassmu (f'dan il-każ id-dividendi rċevuti) ma kinux suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji. Din is-sistema kienet tinkludi wkoll kreditu ta' taxxa li l-benefiċjaru tad-dividendi kien jirċievi mat-tqassim mill-ġdid, iżda ma kinitx tapplika fil-każ ta' tqassim minn sussidjarji barranin.

2. Fil-kawżi Accor [2] u Il-Kummissjoni vs Franza [3], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ttrattat is-sitwazzjoni legali Franċiża fir-rigward tat-tassazzjoni ta' dividendi f'katina ta' azzjonijiet u sabet ksur tal-libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tal-kapital fiż-żewġ kawżi. Il-kwistjoni issa hija

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Accor (C-310/09, EU:C:2011:581).

[3] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811).

jekk id-dispożizzjonijiet Franċiżi rilevanti humiex kompatibbli mad-Direttiva 90/435[4]. Fil-fatt, bit-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) issa qiegħed jitlob l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u jistaqsi b'mod partikolari jekk l-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva jippermettix lir-Repubblika Franċiża tapplika tali ħlas bil-quddiem ta' taxxa.

3. Minbarra l-kompatibbiltà tas-sistema Franċiża mad-Direttiva 90/435, titqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk sistema ta' tassazzjoni li tikser il-libertajiet fundamentali tistax madankollu tkun permessa lill-Istat Membru permezz tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. Skont il-premessi tagħha, id-Direttiva 90/435 għandha l-għan li teżenta mit-taxxa f'ras il-għajn il-ħlasijiet ta' dividendi u tqassim ieħor ta' profitti oħra minn sussidjarji lill-kumpanniji omm tagħhom, u li telimina t-tassazzjoni doppja fuq dan id-dħul fil-livell tal-kumpannija omm benefiċjarja.

5. L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva jipprevedi:

"(1) Meta kumpannija *parent* jew l-istabbiliment permanenti tagħha jirċievu l-profitti mqassna bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpannija *parent* mas-sussidjarja tagħha, l-Istat tal-kumpannija *parent* u l-Istat ta' l-istabbiliment permanenti tagħha għandhom, għajr meta s-sussidjarja tiġi llikwidata, jew:

– iżommu lura milli jintaxxaw dawn il-profitti, jew

– jintaxxaw dawn il-profitti filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija *parent* u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x'jaqsam ma' dawn il-profitti u mħallas mis-sussidjarja u minn kull sussidjara fi skala iktar baxxa, bla ħsara għall-kondizzjoni illi f'kull skaluna kumpannija u s-sussidjara ta' l-iskaluna iktar baxxa tagħha jissodisfaw il-ħtiġiet ipprovvduti fl-Artikolu 2 u 3, sal-limitu ta' l-ammont tat-taxxa mitħoqqa korripsondenti.

[…]

(2) Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżomm il-għażla li jipprovdi illi kull impost li jkollu x'jaqsam ma' l-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja jistgħu ma jitnaqqsux mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija ġenitur. Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ishma f'dan il-każ jiġu ffissati bħala rata waħda uniformi, l-ammont iffissat ma jistax jaqbeż il 5 % tal-profitti mqassma mill-kumpannija sussidjarja."

[4] Direttiva tal-Kunsill (KEE) tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147), hawnhekk fil-verżjoni emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE tat-22 ta' Diċembru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 3) u fil-verżjoni applikabbli fl-2004 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 90/435").

6. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva jipprevedi:

"Il-profitti li sussidjarja tqassam lill-kumpannija *parent* għandhom ikunu eżentati mit-taxxa f'ras il-għajn."

7. Madankollu, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva jipprevedi:

"Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet domestiċi jew imsejsa fuq ftehim bil-ħsieb li telimina jew tnaqqas it-taxxa doppja ekonomika fuq id-dividendi, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' krediti tat-taxxa lir-riċevituri ta' dawn id-dividendi."

### *B. Id-dritt Franċiż*

8. L-Artikolu 146(2) tal-Code général des impôts (il-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, iktar 'il quddiem iċ-"CGI"), moqri fil-verżjoni li tapplika għas-snin tat-taxxa rilevanti fil-kawża prinċipali, jipprevedi:

"Meta t-tqassim li tagħmel kumpannija omm jagħti lok għall-applikazzjoni tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa stabbilit fl-Artikolu 223 *sexies*, dan il-ħlas bil-quddiem għandu jitnaqqas, meta jkun il-każ, bl-ammont ta' krediti ta' taxxa li huma marbuta mad-dħul mill-azzjonijiet […], miġbura matul snin finanzjarji li ilhom magħluqa sa massimu ta' ħames snin."

9. L-Artikolu 158 *bis* (1) taċ-CGI, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ tul is-snin tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jipprevedi:

"Il-persuni li jirċievu dividendi mqassma minn kumpanniji Franċiżi għandhom, abbażi ta' dan, dħul ikkostitwit:

(a) minn somom li huma jirċievu mill-kumpannija;

(b) minn kreditu ta' taxxa rrappreżentat minn kreditu miftuħ fil-konfront tat-Teżor.

Dan il-kreditu ta' taxxa huwa ugwali għal nofs is-somom effettivament imħallsa mill-kumpannija. Dan il-kreditu jista' jintuża biss fil-każ fejn id-dħul huwa inkluż fil-bażi tat-taxxa fuq id-dħul dovuta mill-benefiċjarju. Dan il-kreditu huwa aċċettat bħala ħlas għal din it-taxxa. Dan il-kreditu jitħallas lura lill-persuni fiżiċi sa fejn l-ammont tiegħu jeċċedi dak tat-taxxa li huma għandhom iħallsu."

10. L-Artikolu 216(1) taċ-CGI kien jipprevedi:

"Id-dħul nett minn parteċipazzjonijiet, li jagħtu dritt għall-applikazzjoni tas-sistema tat-tassazzjoni tal-kumpanniji omm […], li tirċievi matul sena finanzjarja kumpannija omm, jista' jitnaqqas mit-total nett tal-profitti ta' din il-kumpannija […]".

11. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 223 *sexies* (1) taċ-CGI, fil-verżjoni li kienet tapplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2000, jipprevedi:

"[M]eta l-profitti mqassma minn kumpannija jiġu kkalkolati fuq somom li fir-rigward tagħhom hija ma kinitx suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji bir-rata normali […], din il-kumpannija hija

obbligata tħallas taxxa bil-quddiem ugwali għal kreditu ta' taxxa kkalkolat taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu I tal-Artikolu 158 *bis*. [...]. It-taxxa mħallsa bil-quddiem hija dovuta fir-rigward ta' tqassim li jagħti dritt għall-kreditu ta' taxxa previst fl-Artikolu 158 *bis*, indipendentement mill-benefiċjarji."

## III. Il-kawża prinċipali

### *A. Sfond tal-Kawża C-556/20*

12. Is-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari huwa s-sistema Franċiża ta' tassazzjoni tad-dividendi f'katina ta' azzjonijiet, li kienet teżisti sa u inkluż l-2004.

13. Din is-sistema kienet tikkonsisti f'diversi komponenti. Jekk il-profitti kienu mqassma minn sussidjarja, Franċiża jew barranija, lill-kumpannija omm Franċiża tagħha, dawn kienu eżenti mit-taxxa fuq il-kumpanniji skont l-Artikolu 216(1) taċ-CGI, bl-eċċezzjoni ta' proporzjon fiss ta' 5 % tal-ispejjeż u n-nefqiet.

14. Barra minn hekk, sa mill-1965 ir-Repubblika Franċiża kienet diġà stabbilixxiet sistema ta' tassazzjoni li tikkonsisti fi kreditu ta' taxxa u ħlas bil-quddiem ta' taxxa ("précompte mobilier"), sakemm id-dividendi jgħaddu f'katina ta' azzjonijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet tneħħew fl-1 ta' Jannar 2005, iżda xorta kienu japplikaw għas-snin tat-tilwima mill-2000 sal-2004.

15. Skont l-Artikolu 158 *bis* taċ-CGI, il-benefiċjarji ta' dividendi minn kumpannija Franċiża kienu awtomatikament jirċievu kreditu ta' taxxa ugwali għal 50 % tad-dividend imqassam. Dan il-kreditu ta' taxxa kellu jinnewtralizza t-tassazzjoni preċedenti permezz tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tal-kumpannija u kellu jiżgura li l-investituri (persuni fiżiċi) jiġu ntaxxati kif xieraq skont il-kapaċità ta' ħlas finanzjarja tagħhom fil-kuntest tat-taxxa fuq id-dħul tagħhom. Dan peress li l-profitt imqassam kien diġà suġġett għal tassazzjoni b'taxxa fuq il-kumpanniji fl-ammont ta' 33.33 % fil-livell tal-kumpannija li tqassam li kienet iġġenerat il-profitt u mbagħad kien intaxxat mill-ġdid fil-livell tal-azzjonisti. Bħala riżultat, dan il-kreditu ta' taxxa kien jinnewtralizza, fil-livell tal-benefiċjarju, eżattament il-piż tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tal-kumpannija li tqassam. Bħala riżultat, il-benefiċjarju kien jirċievi 100 % tal-profitt (66.66 bħala dividendi mqassma u 50 % tas-66.66 = 33.33 bħala kreditu ta' taxxa) u kien jissuġġetta dan il-100 % tal-profitt għat-taxxa skont ir-rata ta' tassazzjoni individwali tiegħu bħala parti mit-taxxa fuq id-dħul.

16. Fid-dawl ta' dan, madankollu, il-kreditu ta' taxxa kien meħtieġ biss jekk il-profitti mqassma kienu fil-fatt suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tal-kumpannija li tqassam rispettiva. Għal raġunijiet ta' prattiċità, madankollu, il-kreditu ta' taxxa kien jingħata b'rata fissa lill-azzjonisti kollha li rċevew tqassim ta' dividendi minn kumpanniji Franċiżi. Ma kinitx tagħmel differenza jekk qabel dan id-dħul kienx fil-fatt suġġett għat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tal-kumpannija li tqassam.

17. Bħala mekkaniżmu ta' korrezzjoni, madankollu, ġie introdott, skont l-Artikolu 223 *sexies* taċ-CGI, ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija li tqassam. Dan kien ingħabar, *inter alia*, meta l-profitti li fuqhom kien ibbażat it-tqassim ma kinux ġew intaxxati jew kienu ġew intaxxati parzjalment biss fil-livell tal-kumpannija li tqassam. F'dan ir-rigward, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija li tqassam serva biex jiġġustifika l-kreditu ta' taxxa

b'rata fissa fil-livell tal-azzjonisti. Profitt eżenti mit-taxxa ta', pereżempju, 100 kien jitnaqqas permezz ta' ħlas bil-quddiem ta' taxxa għal 66.66, li mbagħad jitqassam u jerġa' jiżdied lura għal 100 permezz tal-kreditu ta' taxxa (50 % ta' 66.66 = 33.33) fil-livell tall-benefiċjarju tad-dividend.

18. Pereżempju, jekk kumpannija omm Franċiża rċeviet dividend mis-sussidjarja Franċiża tagħha, il-kumpannija omm kienet tirċievi kreditu ta' taxxa b'rata fissa ta' 50 % tad-dividend. Peress li d-dividend fil-livell tal-kumpannija omm kien eżenti mit-taxxa minħabba r-regola dwar il-kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha fl-Artikolu 216 taċ-CGI, iżda peress li l-azzjonisti kienu jirċievu wkoll kreditu ta' taxxa, ġie impost ħlas bil-quddiem ta' taxxa fuq it-tqassim mill-ġdid tad-dividend mill-kumpannija omm lill-azzjonisti tagħha. Madankollu, il-kumpannija omm setgħet tpaċi l-kreditu ta' taxxa tagħha mal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa skont l-Artikolu 146(2) taċ-CGI. Dan fl-aħħar mill-aħħar ma kien jirriżulta f'ebda piż tat-taxxa addizzjonali fil-livell tal-kumpannija omm. Il-kreditu ta' taxxa u l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa dejjem jikkumpensaw lil xulxin għal tali kumpanniji omm, sakemm it-tqassim ma kienx tqassim transkonfinali.

19. B'kuntrast ma' dan, skont l-Artikolu 158 *bis* taċ-CGI, kumpannija omm Franċiża ma kinitx intitolata għal kreditu ta' taxxa jekk tirċievi dividendi minn sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor. Fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 90/435, hija ma kellhiex, għall-inqas, tħallas taxxa fuq dan id-dħul minn dividendi. Mat-tqassim mill-ġdid, madankollu, l-azzjonisti tagħha stess irċevew kreditu ta' taxxa skont l-Artikolu 158 *bis* taċ-CGI, peress li t-tqassim oriġina minn kumpannija Franċiża (hawnhekk il-kumpannija omm). Madankollu, minħabba li l-kumpannija omm ma kinitx ġiet intaxxata fuq id-dħul minn dividendi, dan il-kreditu kien jiġi kkoreġut fil-livell tal-azzjonist permezz tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija omm. Għalhekk, jekk tqassam mill-ġdid dawn id-dividendi tas-sussidjarja tagħha lill-azzjonisti tagħha stess, il-kumpannija omm kienet obbligata tħallas il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa. Madankollu, issa ma setgħetx tpaċi dan il-ħlas bil-kreditu ta' taxxa tagħha stess. Dan naqqas l-ammont li l-kumpannija omm setgħet tqassam lill-azzjonisti tagħha stess.

20. In-nuqqas ta' kreditu ta' taxxa għall-kumpannija omm abbażi tal-Artikolu 158 *bis* taċ-CGI meta rċeviet dividendi minn sussidjarji li jinsabu barra l-pajjiż kien jipprekludi tqassim mill-ġdid newtrali tad-dividendi lill-azzjonisti rispettivi u wassal għal trattament differenti ta' dividendi f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

## *B. Il-proċedura fil-kawża prinċipali*

21. Għaldaqstant, il-kumpanniji Schneider Electric SE, AXA SA, BNP Paribas, Engie SA, Orange SA u L'Air Liquide SA (iktar 'il quddiem il-"kumpanniji rikorrenti") applikaw għar-rimbors tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa mħallas fis-snin 2000 sa 2004, li ma ġie paċut bl-ebda kreditu ta' taxxa korrispondenti.

22. Is-sottomissjoni tal-kumpanniji rikorrenti turi li, fis-snin 2000 sa 2004, huma kienu rċevew ħlasijiet ta' dividend mis-sussidjarji tagħhom stabbiliti fi Stati Membri oħra u ħallsu ħlas bil-quddiem ta' taxxa meta sar it-tqassim mill-ġdid ta' dawn id-dividendi skont l-Artikolu 146(2) taċ-CGI moqri flimkien mal-Artikolu 158 *bis* u mal-Artikolu 233 *sexies* taċ-CGI.

23. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex konformi mad-Direttiva 90/435. Fl-ewwel istanza, il-kawżi quddiem il-Cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Versailles, Franza) kienu parzjalment ta' suċċess, iżda l-Istat Franċiż ippreżenta appell quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

24. Fl-istess ħin, u sabiex titħaffef l-adozzjoni ta' deċiżjoni, fis-27 u fit-28 ta' Lulju 2020 il-kumpanniji rikorrenti ppreżentaw rikorsi diretti quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). F'dawn ir-rikorsi, huma talbu l-annullament tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ppubblikati fl-1 ta' Novembru 1995 taħt in-numri tal-fajl 4 J 1321 u 4 J 1322 u li jinsabu fir-regola 4 J-1-01 tal-21 ta' Marzu 2001.

25. F'dan ir-rigward, il-kumpanniji rikorrenti jsostnu li d-dispożizzjonijiet amministrattivi kkontestati rriproduċew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223 *sexies* taċ-CGI applikabbli dak iż-żmien. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni nnifisha hija inkompatibbli mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435, u għalhekk id-dispożizzjonijiet amministrattivi korrispondenti huma wkoll nulli.

26. Minbarra l-kompatibbiltà tagħha mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sistema fiskali Franċiża, li tikkonsisti fi kreditu ta' taxxa u fi ħlas bil-quddiem ta' taxxa, tistax possibbilment tkun ammissibbli bħala sistema uniformi biex tevita tassazzjoni doppja skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435.

## IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. F'dan l-isfond, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) issospenda l-proċeduri kontra d-dispożizzjonijiet amministrattivi u għamel din id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-[Direttiva 90/435], fid-dawl b'mod partikolari tal-Artikolu 7(2) tagħha, jipprekludu dispożizzjoni, bħal dik tal-Artikolu 223 *sexies* [taċ-CGI], li, għall-implementazzjoni korretta ta' dispożittiv intiż sabiex jelimina t-tassazzjoni doppja ekonomika tad-dividendi, tistabbilixxi ħlas meta kumpannija omm tqassam mill-ġdid profitti li tqassmulha minn sussidjarji stabbiliti minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea?"

28. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Schneider Electric, AXA, Engie, Orange, L'Air liquide, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u pparteċipaw fis-seduta orali fit-8 ta' Settembru 2021.

## V. Kunsiderazzjonijiet legali

### *A. Fuq id-domanda preliminari*

29. Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju espressament tistaqsi biss jekk il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa taħt l-Artikolu 223 *sexies* taċ-CGI huwiex kompatibbli mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 7(2) tagħha. Is-sitwazzjoni li fuqha l-qorti tar-rinviju tfittex risposta hija dik fejn sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor tqassam dividendi lill-kumpannija omm tagħha fi Franza, li mbagħad tqassamhom mill-ġdid lill-azzjonisti tagħha.

30. Kif jirriżulta mir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-kumpanniji rikorrenti joġġezzjonaw għall-ħlas bil-quddiem ta' taxxa abbażi tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ppubblikati fl-1 ta' Novembru 1995 taħt in-numri tal-fajl 4 J 1321 u 4 J 1322 u tar-regola 4 J-1-01 tal-

21 ta' Marzu 2001. Madankollu, jeżisti biss ġbir ta' taxxa jekk u għaliex fil-każ tagħhom ma hemm l-ebda kreditu ta' taxxa korrispondenti li jpaċi dan il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa (b'differenza mill-każ purament domestiku).

31. Kien preċiżament dan it-trattament żvantaġġuż tal-każ transkonfinali meta mqabbel mal-każ purament domestiku li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li dan kien imur kontra d-dritt tal-Unjoni fil-kawża Accor[5]. F'dik il-kawża hija kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Franċiża rilevanti kienet tikser il-libertà ta' stabbiliment (Artikolu 49 TFUE) u l-moviment liberu tal-kapital (Artikolu 63 TFUE). L-illegalità taħt id-dritt tal-Unjoni ta' din it-tassazzjoni ġiet ikkonfermata fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza[6]. Il-qorti tar-rinviju bir-raġun tikkonkludi, minn din il-ġurisprudenza, li kumpannija li tirċievi dividendi minn sussidjarja stabbilita barra mill-pajjiż u li tkun suġġetta għal ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-każ ta' tqassim mill-ġdid hija intitolata għal kreditu ta' taxxa.

32. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat[7] jekk u kif dan l-intitolament għal kreditu ta' taxxa issa jista' (jiġifieri wara l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali tad-dritt tal-Unjoni li joħorġu miż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja) jiġi paċut mal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa. Għalhekk, jista' jkun il-każ li l-kumpanniji rikorrenti xorta waħda ma setgħux jirċievu kreditu ta' taxxa bħal fil-każ domestiku. Iżda jista' jkun ukoll li huma jridu kemm il-kreditu ta' taxxa (bħala benefiċjarji tad-dividendi) kif ukoll it-tneħħija tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa (bħala dawk li jqassmu mill-ġdid id-dividendi).

33. Jekk il-kumpanniji rikorrenti xorta ma jirċevux kreditu ta' taxxa komparabbli, allura tqum il-kwistjoni dwar il-konsegwenzi ta' kompatibbiltà potenzjali tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa skont l-Artikolu 223 *sexies* taċ-CGI mad-Direttiva 90/435 fir-rigward tal-libertajiet fundamentali (ara, f'dan ir-rigward, taħt il-parti B). Jekk, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji rikorrenti rċevew kreditu ta' taxxa komparabbli ma' dak fil-każ domestiku, ikollu jiġi ċċarat jekk din is-sistema Franċiża ta' tassazzjoni tad-dividendi li tikkonsisti fi ħlas bil-quddiem ta' taxxa u fi kreditu ta' taxxa taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435 (ara, f'dan ir-rigward, taħt il-parti C) u, jekk iva, jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 jistax jippermetti sistema bħal din (ara, f'dan ir-rigward, taħt il-parti D).

### *B. Fuq ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 90/435 u l-libertajiet fundamentali (libertà ta' stabbiliment u moviment liberu tal-kapital)*

34. Konformità tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa taħt l-Artikolu 223 *sexies* taċ-CGI mad-Direttiva 90/435 ma tkunx tfisser neċessarjament li, minkejja n-nuqqas ta' kreditu ta' taxxa, is-sistema Franċiża kollha hija konformi mad-dritt tal-Unjoni,.

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li d-dispożizzjonijiet Franċiżi jew l-interpretazzjoni mill-qorti tar-rinviju jiksru l-libertajiet fundamentali u jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tar-Repubblika Franċiża[8]. Dan il-ksur tad-dritt primarju huwa bbażat fuq kreditu ta' taxxa insuffiċjenti fil-każ ta' tqassim minn kumpannija mhux stabbilita fi Franza. Kif

[5] Sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Accor (C-310/09, EU:C:2011:581).

[6] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811).

[7] Ara wkoll in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissjoni (punt 41).

[8] Sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811), u tal-15 ta' Settembru 2011, Accor (C-310/09, EU:C:2011:581).

argumentaw ukoll il-kumpanniji rikorrenti waqt is-seduta, il-ksur la huwa rrimedjat u lanqas ma huwa ġġustifikat mill-fatt li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma jaffettwax is-sistema fiskali Franċiża inkwistjoni, jiġifieri ma jippreklud ihiex.

36. Il-ġerarkija tan-normi hija ċara. Id-Direttiva 90/435 għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-libertajiet fundamentali u mhux bil-maqlub. Anki jekk jistgħu jinstabu dikjarazzjonijiet fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li leġiżlazzjoni li tappartjeni għal qasam li ġie armonizzat b'mod eżawrjenti fil-livell tal-Unjoni ma għandhiex tiġi evalwata abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, iżda biss abbażi tal-miżura ta' armonizzazzjoni [9], xejn fis-sens kuntrarju ma jirriżulta minn dan.

37. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kompatibbiltà tad-dritt sekondarju mad-dritt primarju [10]. Min-naħa l-oħra, id-dikjarazzjoni ta' hawn fuq tapplika għal każijiet li fihom ma hemm l-ebda dubju dwar il-kompatibbiltà tad-dritt sekondarju mad-dritt primarju. Ir-raġuni għal dan hija li, f'dak il-każ, id-dritt sekondarju għandu jiġi applikat bi prijorità bħala *lex specialis*. Jekk minn dan diġà jirriżulta li l-att ikkontestat jikser id-dritt tal-Unjoni, ma huwiex meħtieġ li jiġi eżaminat ukoll jekk huwiex inkompatibbli mad-dritt primarju.

38. Jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 jippermetti sistema bħal din mingħajr kreditu ta' taxxa, ikun hemm, minn naħa, dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-libertajiet fundamentali. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma jaffettwax "l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet domestiċi jew imsejsa fuq ftehim". Dan ifisser li ma hemm l-ebda armonizzazzjoni eżawrjenti permezz tad-Direttiva 90/435.

39. Għaldaqstant, sakemm il-kreditu ta' taxxa li jiġi paċut mal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa jibqa' jiddependi fuq jekk is-sussidjarja li tqassam hijiex stabbilita fil-pajjiż jew fi Stat Membru ieħor, is-sistema Franċiża ta' ħlas bil-quddiem ta' taxxa u kreditu ta' taxxa tibqa', skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [11], inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma jista' jbiddel xejn minn dan.

### *C. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 90/435 fil-każ li jingħata kreditu ta' taxxa mar-riċeviment ta' "dividend barrani"*

40. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji rikorrenti jingħataw kreditu ta' taxxa korrispondenti anki fil-każ li jirċievu dividend minn sussidjarji li jinsabu barra mill-pajjiż, huwa dubjuż jekk id-Direttiva 90/435 hijiex rilevanti.

9 Ara s-sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2017, Deister Holding u Julher Holding (C-504/16 u C-613/16, EU:C:2017:1009, punti 45 *et seq.*); tas-7 ta' Settembru 2017, Eqiom u Enka (C-6/16, EU:C:2017:641, punt 15); tat-30 ta' April 2014, UPC DTH (C-475/12, EU:C:2014:285, punt 63); tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, EU:C:2003:664, punt 64); tat-23 ta' Mejju 1996, Hedley Lomas (C-5/94, EU:C:1996:205, punt 18); u tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker und Lesage (C-37/92, EU:C:1993:836, punt 9).

10 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 104); tat-8 ta' Diċembru 2020, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-626/18, EU:C:2020:1000, punt 87); tas-26 ta' Ottubru 2010, Schmelz (C-97/09, EU:C:2010:632, punt 50); u tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, EU:C:2003:664, punt 64 fit-tmiem).

11 Sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811), u tal-15 ta' Settembru 2011, Accor (C-310/09, EU:C:2011:581).

*1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435*

41. Mit-tielet premessa tad-Direttiva 90/435 jirriżulta li din id-direttiva għandha l-għan li telimina t-tassazzjoni doppja, fil-livell tal-kumpannija omm, tal-profitti mqassma minn sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha[12]. Madankollu, dan diġà huwa żgurat bid-dispożizzjoni tal-Artikolu 216 taċ-CGI. Il-kumpannija omm ma għandhiex għalfejn tintaxxa mill-ġdid id-dividendi rċevuti, li joriġinaw mill-profitti ntaxxati tas-sussidjarja. Madankollu, għandha ssir distinzjoni bejn din id-dispożizzjoni u s-sistema Franċiża ta' ħlas bil-quddiem ta' taxxa u ta' kreditu ta' taxxa.

42. Il-*kreditu ta' taxxa* huwa maħsub sabiex jinnewtralizza, fil-livell tal-benefiċjarju tat-tqassim, it-taxxa imposta preċedentement fil-livell tal-kumpannija li tqassam, sabiex fl-aħħar mill-aħħar jiġi ntaxxat biss l-azzjonist, permezz ta' rata progressiva skont il-kapaċità ta' ħlas tiegħu. B'hekk tiġi evitata t-tassazzjoni ekonomika doppja. Il-*ħlas bil-quddiem ta' taxxa*, min-naħa l-oħra, huwa maħsub sabiex jelimina jew jiġġustifika kreditu ta' taxxa li attwalment ma jkunx iġġustifikat billi joħloq tassazzjoni korrispondenti preċedenti fil-livell tal-kumpannija li tqassam fil-każ li tali kreditu f'xi mument ma jkunx effettiv. Il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa għalhekk jevita l-immunità minn tassazzjoni doppja jew finali tat-tqassim.

43. Jekk il-kumpanniji rikorrenti huma intitolati għall-kreditu ta' taxxa, jekk dan il-kreditu jikkorrispondi għat-taxxa fuq il-kumpanniji mħallsa preċedentement fil-livell tas-sussidjarja fuq id-dividendi rċevuti u jekk dan il-kreditu jiġi paċut mal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa skont l-Artikolu 146(2) taċ-CGI fir-rigward tad-dividendi mqassma mill-ġdid, allura ma teżisti l-ebda tassazzjoni ekonomika doppja tad-dividendi. Dan jidher mill-eżempji mogħtija mill-Kummissjoni fl-osservazzjoni bil-miktub tagħha. Effett fiskalment ta' żvantaġġ iseħħ biss f'każijiet fejn il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa ma jkunx jista' jiġi paċut, fil-livell tal-kumpannija omm, ma' kreditu ta' taxxa li jikkorrispondi għall-piż tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tas-sussidjarja.

44. Kreditu ta' taxxa u l-eliminazzjoni simultanja tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija omm, min-naħa l-oħra, iwasslu għal arrikkiment indebitu tal-azzjonist tal-kumpannija omm. Dan minħabba li dan tal-aħħar ser jirċievi kreditu ta' taxxa minkejja li d-dividend, li tqassam mill-ġdid lilu mill-kumpannija omm, qatt ma ġie ntaxxat.

45. Kuntrarjament għall-opinjoni tal-Kummissjoni u tal-kumpanniji rikorrenti, it-trattament newtrali tad-dividend ta' sussidjarja barranija fil-każ ta' tqassim mill-ġdid mill-kumpannija omm lil azzjonist ma jiddependix fuq l-ammont identiku tal-kreditu ta' taxxa meta wieħed jirċievi dividendi u tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-każ ta' tqassim mill-ġdid fil-livell tal-kumpannija omm (jiġifieri mill-piż ta' ħlas tagħha). Pjuttost, huwa kruċjali li l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija omm minħabba t-tqassim mill-ġdid jikkorrispondi mal-kreditu ta' taxxa tal-azzjonist.

46. Dan jidher fl-eżempju li ġej, fejn kumpannija omm tirċievi dividend eżenti mit-taxxa ta' 66.66 minn sussidjarja. Din suppost ħallset eżattament 33.33 taxxa fuq il-kumpanniji barra mill-pajjiż fuq il-profitt tagħha ta' 100 (jiġifieri l-istess rata ta' taxxa fuq il-kumpanniji ġiet applikata barra mill-pajjiż bħal fi Franza). Grazzi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpannija omm attwalment tirċievi retrospettivament, għalkemm b'dewmien, kreditu ta' taxxa ta' 33.33 u issa tista' tqassam il-profitt tas-sussidjarja b'mod sħiħ (jiġifieri 100) lill-azzjonist. It-taxxa fuq il-kumpanniji mħallsa preċedentement hija kompletament innewtralizzata. Madankollu, jekk

[12] Ara f'dan ir-rigward, *inter alia*, is-sentenzi tas-17 ta' Mejju 2017, X (C-68/15, EU:C:2017:379, punt 70), u tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495, punt 45).

tqassam dak il-100 mingħajr l-ebda ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija omm, l-azzjonist jirċievi 100 *u* kreditu ta' taxxa ta' 50 %, jiġifieri eżattament 150. Il-profitt tas-sussidjarja, li ma għandux ikun intaxxat darbtejn bħala parti mit-tqassim mill-ġdid, kien, madankollu, 100 biss u issa żdied għal 150 mingħajr il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa. Dan ir-riżultat stramb (tqassim mill-ġdid li jżid id-dividend) huwa evitat biss permezz tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa.

47. Kieku din il-kumpannija omm għamlet il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa (33.33) fuq il-100, allura setgħet tqassam mill-ġdid biss 66.66 u l-azzjonist jirċievi eżattament 100 (66.66 bħala dividend u 33.33 bħala kreditu ta' taxxa). Peress li, fil-livell tal-kumpannija omm, il-kreditu ta' taxxa tagħha u l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa huma eżattament l-istess, ma jirriżulta ebda piż ta' ħlas.

48. Li kieku qassmet mill-ġdid biss 50, l-azzjonist kien jirċievi 75 (50 bħala dividend u 25 bħala kreditu ta' taxxa) u l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa kien ikun biss 50 % ta' 50, jiġifieri 25. Madankollu, il-kumpannija omm kienet irċeviet ukoll kreditu ta' taxxa ta' 33.33, u b'hekk jibqa' bilanċ ta' 8.33. Min-naħa l-oħra, jekk il-kumpannija omm iżżid it-tqassim tad-dħul eżenti mit-taxxa minn 66.66 għal 100, l-azzjonist jirċievi 150 (100 bħala dividend u 50 bħala kreditu). Il-kumpannija omm ikollha tagħmel ħlas bil-quddiem ta' taxxa ta' 50 (50 % ta' 100), li jiġi paċut mal-kreditu ta' taxxa tagħha ta' 33.33. Jifdal piż ta' ħlas ta' 16.66.

49. L-istess riżultat jintlaħaq jekk il-piż tat-taxxa fuq il-kumpanniji mħallsa barra mill-pajjiż kien inqas (eż. 15 %) u r-Repubblika Franċiża tinnewtralizza dan il-piż biss permezz ta' kreditu ta' taxxa. Is-sussidjarja tqassam 85 lill-kumpannija omm Franċiża. Ir-Repubblika Franċiża tinnewtralizza l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa permezz ta' kreditu ta' taxxa ta' 15. B'hekk, (bħal fil-każ domestiku) il-kumpannija omm tirċievi tqassim eżenti mit-taxxa ta' 100. 66.66 jitqassmu lill-azzjonist u 33.33 jitħallsu bħala ħlas bil-quddiem ta' taxxa. Ir-Repubblika Franċiża tikkredita dan il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa lill-azzjonist, b'tali mod li dan jirċievi 100. Tassazzjoni doppja tad-dividend hija evitata. Fil-livell tal-kumpannija omm, jibqa' wkoll piż ta' ħlas (issa fl-ammont ta' 33.33 - 15 = 18.33).

50. Madankollu, dan il-piż ta' ħlas (u wkoll il-bilanċ) fl-ebda każ ma jikkostitwixxi tassazzjoni doppja tad-dividend. Pjuttost, huwa jiżgura li l-azzjonist jirċievi d-dividend oriġinali tas-sussidjarja mingħajr ma jitnaqqas jew jiżdied. Jekk jibqax piż ta' ħlas jew bilanċ għal kumpannija omm wara t-tpaċija tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa u l-kreditu ta' taxxa jiddependi fuq il-politika ta' tqassim tal-kumpannija omm u mit-tassazzjoni preċedenti, bħala taxxa fuq il-kumpanniji, fuq id-dividend kif ukoll mill-ammont tal-kreditu ta' taxxa tal-azzjonist. It-talba għal kreditu ta' taxxa filwaqt li fl-istess ħin jitneħħa l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa tkun tammonta għal "cherry picking", li la huwa ġġustifikat mid-drittijiet fundamentali u lanqas mid-Direttiva 90/435. Minflok ma tiġi żgurata n-newtralità f'każ ta' tqassim mill-ġdid, il-volum tat-tqassim jiżdied għad-detriment tal-Istat Franċiż.

51. Bħala riżultat, l-interazzjoni bejn il-kreditu ta' taxxa u l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa f'dan il-każ, għaldaqstant, ma taffettwax il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435. Għalhekk, la jista' jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 4 (ara, f'dan ir-rigward, il-parti 3) u lanqas tal-Artikolu 5 (ara, f'dan ir-rigward, il-parti 2) ta' din id-direttiva.

*2. Ebda taxxa f'ras il-għajn fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/435*

52. Peress li l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa huwa dovut mill-kumpannija li tqassam u mhux mid-detentur tat-titoli (jiġifieri l-benefiċjarju tat-tqassim), ma hemm l-ebda taxxa f'ras il-għajn fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/435[13]. Bl-istess mod, din il-kawża ma tikkonċernax il-piż tat-taxxa f'ras il-għajn ta' benefiċjarju barrani ta' dividendi, iżda tikkonċerna "biss" il-piż tat-taxxa ta' kumpannija omm Franċiża li tqassam mill-ġdid id-dividendi.

*3. Ebda ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435*

53. Huwa eskluż ukoll ksur tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435. Dan l-artikolu jipprevedi li l-Istat tal-kumpannija omm għandu jew ma jintaxxax il-profitti li tirċievi l-kumpannija omm (hawn fil-forma ta' dividendi) jew għandu jikkredita t-taxxa barranija mħallsa preċedentement.

54. Ir-Repubblika Franċiża għażlet il-metodu ta' eżenzjoni fiskali. Skont l-Artikolu 216 taċ-CGI, dan id-dħul mid-dividendi jista' jitnaqqas mill-profitt tal-kumpannija omm. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 fl-istess ħin jippermetti tassazzjoni sa 5 % tad-dħul mid-dividendi. Sakemm is-sistema Franċiża tiżgura li d-dividendi rċevuti mill-kumpannija omm ma jiġux intaxxati b'iktar minn 5 %, ma jeżisti ebda kunflitt mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435. L-Artikolu 216 taċ-CGI jidher li jiggarantixxi dan. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa dan.

55. Madankollu, kif ġie rrilevat iktar 'il fuq (punti 42 *et seq.*) is-sistema magħmula minn ħlas bil-quddiem ta' taxxa u minn kreditu ta' taxxa ma hijiex maħsuba biex tintaxxa profitti jew dividendi, iżda biex tiżgura li l-profitti diġà suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji jkunu eżenti mit-taxxa fuq il-kumpanniji fil-livell tal-azzjonist, biex imbagħad ikunu jistgħu jiġu ntaxxati kollha bir-rata ta' taxxa individwali tiegħu (ġeneralment b'rata progressiva).

56. B'kunsiderazzjoni purament iżolata biss tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa jista' wieħed jasal għall-konklużjoni, kif isostnu l-kumpanniji rikorrenti u l-Kummissjoni, li hemm kunflitt mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435. Dan ikun possibbli kieku l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa kellu jitqies bħala tassazzjoni (addizzjonali) tad-dividendi rċevuti fil-każ ta' tqassim mill-ġdid.

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tassazzjoni addizzjonali fil-kuntest ta' tqassim mill-ġdid tad-dividendi rċevuti hija koperta wkoll mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435[14]. Madankollu, dak il-każ kien jikkonċerna tassazzjoni fuq il-kumpanniji addizzjonali fil-kuntest ta' tqassim mill-ġdid ta' dividendi rċevuti f'każ li l-Istat Belġjan ħass li kien inġust. Għalkemm il-kumpannija kienet naqqset parzjalment jew kompletament ir-riżultat fiskali tagħha fis-sena tat-tqassim billi applikat id-diversi possibbiltajiet ta' tnaqqis previsti fil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, l-azzjonisti rċevew tqassim (l-hekk imsejħa "fairness tax"). Din il-fairness tax ma kienet xejn għajr tassazzjoni sussegwenti tad-dividendi rċevuti (bħala prinċipju, eżenti mit-taxxa) fil-kuntest tat-tqassim mill-ġdid. Dan ma huwiex kompatibbli mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435.

13 Ara, espressament fir-rigward tal-fairness tax Belġjana, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, X (C-68/15, EU:C:2017:379, punt 65); tal-24 ta' Ġunju 2010, P. Ferrero e C. u General Beverage Europe (C-338/08 u C-339/08, EU:C:2010:364, punt 26); tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda (C-284/06, EU:C:2008:365, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punt 109); u tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495, punt 47). Ara wkoll, dwar il-kunċett ta' taxxa f'ras il-għajn, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża X (C-68/15, EU:C:2016:886, punti 37 *et seq.*).

14 Sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, X (C-68/15, EU:C:2017:379, punti 77 *et seq.*). Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża X (C-68/15, EU:C:2016:886, punti 53 *et seq.*).

58. Madankollu, huwa ċar li l-karatteristiċi tal-fairness tax huma differenti minn dawk tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fid-dritt Franċiż, kif ir-Repubblika Franċiża reġgħet enfasizzat fis-seduta. Dan il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa, b'differenza, pereżempju, mill-fairness tax, ma jiġġenera l-ebda rikavati mit-taxxa, iżda jikkoreġi "biss" kreditu ta' taxxa sussegwenti fil-livell tal-azzjonist. Kunsiderazzjoni purament iżolata tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fis-sistema Franċiża tinjora l-konnessjoni obbligatorja bejn il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-livell tal-kumpannija li tqassam u l-kreditu ta' taxxa fil-livell tal-benefiċjarju tat-tqassim.

59. Jekk fuq il-profitti kumpannija ma tħallas l-ebda taxxa fuq il-kumpanniji (pereżempju, fir-rigward ta' dħul eżenti mit-taxxa) u tqassam dawn il-profitti fl-ammont ta' 100, allura kreditu ta' taxxa (f'dan il-każ ta' 50) fil-livell tal-benefiċjarju tad-dividend ma jkunx ġustifikabbli. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika Franċiża titkellem b'mod korrett dwar arrikkiment indebitu jew eżenzjoni fiskali doppja. Sabiex jiġi evitat dan, ir-Repubblika Franċiża setgħet ukoll tneġġi l-kreditu ta' taxxa fil-livell tal-azzjonist, li ma kienx ikun oġġezzjonabbli skont id-dritt tal-Unjoni.

60. Madankollu, ir-Repubblika Franċiża għażlet teknika differenti. Għalkemm tagħti l-kreditu ta' taxxa, hija madankollu toħloq piż ta' taxxa fuq il-kumpanniji possibbilment nieqes fil-livell tal-kumpannija li tqassam (f'dan il-każ, il-kumpannija omm) permezz tal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa (ara iktar 'il fuq, il-punti 45 *et seq.*).

61. Għaldaqstant, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa ma huwiex tassazzjoni f'din is-sistema, iżda biss teknika biex tiġi żgurata l-allokazzjoni sħiħa tal-profitti lill-azzjonist, li fil-livell tiegħu l-profitti tal-kumpannija mqassma jistgħu jiġu ntaxxati b'mod xieraq. Huwa marbut formalment biss mal-ħlas ta' dividendi. Sostantivament, madankollu, huwa marbut mal-kreditu ta' taxxa fil-livell tal-benefiċjarju tad-dividend. Dan il-kreditu ta' taxxa ma jingħatax jekk id-dħul ma ġiex intaxxat fil-livell tal-kumpannija li tqassam.

62. Għaldaqstant, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa *ma huwiex taxxa addizzjonali* fuq it-tqassim tad-dividend (bħal, pereżempju, il-fairness tax[15]). Pjuttost, huwa biss għodda ta' korrezzjoni ftit jew wisq kumplessa, intiża biex tiżgura tassazzjoni korretta fil-livell tal-benefiċjarju tad-dividend. Il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa jikkoreġi "biss" kreditu ta' taxxa indebitu fil-livell tal-benefiċjarju tat-tqassim, fejn il-korrezzjoni ssir fil-livell tal-kumpannija li tqassam. Bħala riżultat, parti mid-dividend (33.33 %) ma titħallasx direttament lill-azzjonisti, iżda indirettament mill-awtoritajiet tat-taxxa lill-azzjonisti, iżda mingħajr ma tkun intaxxata (jiġifieri mnaqqsa) minnhom.

*4. Konklużjonijiet intermedja*

63. Il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa tal-kumpannija li tqassam, li huwa paċut minn kreditu ta' taxxa fil-livell tal-benefiċjarju tat-tqassim tagħha, sostantivament u meta tiġi evalwata s-sistema Franċiża globalment, ma jikkostitwixxix piż ta' taxxa addizzjonali fuq id-dividendi li għandhom jitqassmu u, għaldaqstant, la jista' jikser l-Artikolu 5 u lanqas l-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435

[15] Sentenza tas-17 ta' Mejju 2017, X (C-68/15, EU:C:2017:379).

### *D. B'mod sussidjarju: Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435*

64. Huwa biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tara dan b'mod differenti u tikkunsidra l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa b'mod iżolat bħala tassazzjoni addizzjonali tad-dividendi rċevuti mill-kumpannija omm fil-kuntest tat-tqassim mill-ġdid lill-azzjonisti li tqum il-kwistjoni sussidjarja dwar il-portata tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435.

65. Skont dan l-artikolu, id-Direttiva ma taffettwax l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mmirati biex jeliminaw jew inaqqsu t-tassazzjoni doppja tad-dividendi (l-ewwel alternattiva) u, b'mod partikolari, ma taffettwax l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mal-ħlas ta' krediti ta' taxxa lill-benefiċjarji tad-dividend (it-tieni alternattiva). L-ewwel alternattiva hija irrilevanti hawnhekk, peress li l-ħlas bil-quddiem ta' taxxa, jekk wieħed jikkunsidrah b'mod iżolat, kuntrarjament għas-suġġeriment tiegħi, ma jservix biex inaqqas jew jelimina t-tassazzjoni doppja. Kif ikkonferma rappreżentant ta' waħda mill-kumpanniji rikorrenti, huwa jevita, l-iktar l-iktar, immunità doppja minn tassazzjoni.

66. Madankollu, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa jista' jitqies bħala dispożizzjoni li taffettwa l-ħlas ta' krediti ta' taxxa lill-benefiċjarju ta' dividend (it-tieni alternattiva). Prerekwiżit, madankollu, huwa li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 jirreferi wkoll għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435. Il-kumpanniji rikorrenti huma tal-fehma li l-Artikolu 7(2) ikopri biss derogi mill-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn taħt l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 90/435. Peress li, fil-fehma tagħhom il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa ma huwiex taxxa f'ras il-għajn, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 lanqas ma jista' japplika. Ir-raġuni għal dan hija prinċipalment ir-rekwiżit tal-interpretazzjoni stretta ta' derogi[16] u l-fatt li l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva[17] jiċċara dak li ma jaqax taħt l-espressjoni "taxxa mnaqqsa [f'ras il-għajn]".

67. Madankollu, ma iniex konvint b'din l-interpretazzjoni restrittiva tal-portata tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435. Minn naħa, ma tirriżultax mill-formulazzjoni u, min-naħa l-oħra, tikkontradixxi l-oriġini tagħha u, wara eżami iktar mill-qrib, tikkontradixxi wkoll il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

68. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma tirriżulta ebda restrizzjoni għall-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn prevista fl-Artikoli 5 u 6 ta' din id-direttiva. Pjuttost, l-Artikolu 7(2) jippermetti derogi mid-Direttiva kollha kemm hi, inkluż mill-Artikolu 4. It-tieni alternattiva tirreferi wkoll għal krediti ta' taxxa, li, bħal fil-każ preżenti, ma għandhomx ikunu neċessarjament marbuta ma' żamma ta' taxxa f'ras il-għajn. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li speċifikament l-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/435 ma għandux ikun kopert mill-Artikolu 7(2).

69. Fl-opinjoni tiegħi, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 sempliċement jagħmilha ċara li s-sistemi nazzjonali ta' tassazzjoni li jsegwu l-għanijiet tad-Direttiva bl-użu ta' ċerti tekniki li jistgħu possibbilment ikunu problematiċi meta jitqiesu b'mod iżolat, xorta jistgħu jkunu ammissibbli fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali. Tali derogi jistgħu "sempliċement" ma jikkontradixxux it-tifsira u l-għan tad-Direttiva 90/435[18].

16 Ara, fir-rigward, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, P. Ferrero e C. u General Beverage Europe (C-338/08 u C-339/08, EU:C:2010:364, punt 45), u tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495, punt 86).

17 Dan jipprevedi: "L-espressjoni 'taxxa mnaqqsa [f'ras il-għajn]' kif użata f'din id-Direttiva ma għandhiex tkopri ħlas minn qabel jew ħlas bil-quddiem ('*précompte*') tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet lill-Istat Membru tal-kumpannija sussidjarja li din tagħmel rigward it-tqassm tal-profitti lill-kumpannija ġenitur tagħha."

18 F'dan is-sens ara wkoll is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, P. Ferrero e C. u General Beverage Europe (C-338/08 u C-339/08, EU:C:2010:364, punt 46), u tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495, punt 102).

70. Għaldaqstant, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jista' jiġi dedott li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma għandux jinqara biss fir-rigward tal-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn prevista fl-Artikoli 5 u 6 ta' din id-direttiva. Fil-kawża Océ van der Grinten[19] kien ikkontestat jekk l-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva jestendix ukoll (!) għall-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti tassazzjoni anki jekk din l-imposta tikkostitwixxi taxxa f'ras il-għajn fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva, sa fejn hija applikata għad-dividendi mqassma mis-sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha[20]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tassumi li l-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn prevista fl-Artikolu 5 hija koperta "wkoll" mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435. Il-limitazzjoni tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva għall-projbizzjoni tat-taxxa f'ras il-għajn "biss" tikkontradixxi dan.

71. Dan huwa kkonfermat mill-oriġini tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435, li r-Repubblika Franċiża tenfasizza fl-osservazzjoni tagħha. Id-deroga tmur lura għal inizjattiva tar-Renju Unit minħabba partikolaritajiet fis-sistema tat-taxxa fuq il-kumpanniji tiegħu. Kif jirriżulta mill-proposta ta' kompromess finali tat-12 ta' Ġunju 1989, il-formulazzjoni kellha tiżgura li "précompte" u "crédit d'impot (avoir fiscale)" ma jiġux affettwati mid-Direttiva[21]. It-tnejn huma elementi li kienu inklużi wkoll fis-sistema ta' tassazzjoni Franċiża li kienet diġà teżisti dak iż-żmien. Il-formulazzjoni proposta fil-kompromess għadha tinstab sa issa fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/435.

72. Applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) fit-tieni alternattiva hija għalhekk possibbli, għalkemm fil-kawża preżenti ma hemmx taxxa f'ras il-għajn. Madankollu, għandha tkun dispożizzjoni relatata mal-ħlas ta' krediti ta' taxxa lill-benefiċjarji tad-dividendi.

73. Anki jekk, kif jargumentaw b'mod korrett il-kumpannija rikorrenti, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa japplika f'din il-kawża fil-livell tal-kumpannija li tqassam, il-funzjoni tiegħu (ara f'dan ir-rigward iktar 'il fuq, il-punti 58 *et seq.*) hija li tikkoreġi kreditu ta' taxxa sostantivament indebitu fil-livell tal-benefiċjarju tad-dividendi. Kif ġie rrilevat iktar 'il fuq, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa huwa neċessarjament relatat mat-tassazzjoni fil-livell tal-kumpannija li tqassam (taxxa fuq il-kumpanniji jew ħlas bil-quddiem ta' taxxa) u mas-sistema ta' kreditu ta' taxxa fil-livell tal-benefiċjarju tad-dividend. Skont is-sistema Franċiża, dawn iż-żewġ elementi ma jistgħux jiġu immaġinati mingħajr xulxin.

74. B'hekk, il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa *huwa marbut* ukoll mal-ħlas ta' krediti ta' taxxa (jiġifieri krediti fil-konfront tal-awtoritajiet tat-taxxa) lill-benefiċjarju tad-dividendi. Skont il-formulazzjoni tagħha, din id-dispożizzjoni tad-dritt Franċiż hija għaldaqstant koperta mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435. Dan jagħmilha ċara li d-Direttiva 90/435 ma taffettwax tali mekkaniżmu ta' korrezzjoni

75. Il-prerekwiżit, madankollu, huwa li din id-deroga ma ddgħajjifx it-tifsira u l-għan tad-Direttiva 90/435. Fi kwalunkwe każ, dan ma huwiex il-każ jekk il-kumpannija omm tingħata, malli tirċievi dividendi mis-sussidjarja barranija tagħha, kreditu ta' taxxa korrispondenti li jinnewtralizza t-taxxa fuq il-kumpanniji mħallsa preċedentement fuq dawn id-dividendi. Ma hemm l-ebda tħassib jekk, fil-kuntest ta' tqassim mill-ġdid, dan il-kreditu ta' taxxa jkun jista' jiġi paċut mal-ħlas bil-quddiem ta' taxxa li, min-naħa tiegħu, jikkoreġi biss kreditu ta' taxxa

19 Sentenza tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495).

20 Sentenza tal-25 ta' Settembru 2003, Océ Van der Grinten (C-58/01, EU:C:2003:495), punt 89).

21 Compromis soumis au Conseil ECOFIN du 17 avril 1989 concernant trois problèmes essentiels relatifs aux propositions de directives "fusion" et "sociétés mères et filiales" - n 7322/89, page 7/11 – verżjoni Franċiża.

sostantivament indebitu fil-livell tal-azzjonist. F'dan il-każ ukoll, is-sistema Franċiża tippermetti tqassim fiskalment newtrali ta' dividendi bejn kumpanniji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435.

## VI. Konklużjoni

76. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta għad-domanda preliminari magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) bil-mod segwenti:

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 90/435 ma jipprekludux dispożizzjoni li, għall-applikazzjoni ta' sistema għat-tassazzjoni korretta tal-azzjonist, tipprevedi taxxa fuq it-tqassim mill-ġdid ta' profitti sabiex tinnewtralizza kreditu ta' taxxa korrispondenti tal-benefiċjarju ulterjuri tat-tqassim (azzjonist tal-kumpannija omm). Dan japplika wkoll jekk dawn il-profitti kienu qabel imqassma lill-kumpannija omm minn sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. B'kuntrast ma' dan, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, rifjut ta' għoti ta' kreditu ta' taxxa lill-kumpannija omm f'din is-sitwazzjoni jikser il-libertajiet fundamentali.